MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-3 ta' Diċembru, 2021

Appell Inferjuri Numru 6/2021 LM

**Florian Kuehn (K.I. 70835A)**
*('l-appellant')*

***vs.***

**The Director of the Department for Citizenship and Expatriate Affairs**
*('id-Direttur appellat')*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Florian Kuehn (K.I. 70835A)** [hawnhekk 'l-appellant'], minn deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni, [minn issa 'l quddiem 'il-Bord'), tal-15 ta' Jannar, 2021 [minn issa

’l quddiem ‘id-deċiżjoni appellata’], li permezz tagħha l-Bord iddeċieda illi l-appell li r-rikorrent ressaq quddiemu mid-deċiżjoni tal-intimat **The Director of the Department for Citizenship and Expatriate Affairs** [hawnhekk ‘l-appellant’]**,** għandu jiġi miċħud għaliex ir-rikorrent naqas milli jressaq xhieda jew evidenza sabiex ixejjen id-deċiżjoni tal-imsemmi intimat.

**<u>Fatti</u>**

2. Permezz ta’ ittra mibgħuta lilu fit-13 ta’ Lulju, 2020, ir-rikorrent, ċittadin Ġermaniż, ġie infurmat li l-moviment liberu tiegħu u tal-familja tiegħu ġewwa Malta kien qiegħed jiġi ristrett, għaliex huma saru piż mhux raġonevoli fuq is-sistema tal-assistenza soċjali Maltija. F’dan ir-rigward jirriżulta li kien hemm korrispondenza minn uffiċjali tal-Foundation for Social Welfare Services (FSWS) li ġibdu l-attenzjoni tal-awtoritajiet għall-fatt li r-rikorrent u s-sieħba tiegħu ma kellhomx impjieg hawn Malta, u dawn spiċċaw dipendenti fuq għotjiet tal-karità sabiex ikunu jistgħu jgħixu.

**<u>Mertu</u>**

3. Ir-rikorrent appella minn din id-deċiżjoni tal-intimat, fejn ġie infurmat li ladarba hu u familtu huma ta’ piż mhux raġonevoli fuq is-sistema ta’ assistenza soċjali Maltija, id-dritt ta’ moviment liberu tagħhom kien qiegħed jiġi ristrett *ai termini* tal-artikoli 13 u 14(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 460.17 (*Free Movement of European Union Nationals and their Family Members Order*).

4. L-intimat informa lill-Bord tal-Appelli li l-korrispondenza mar-rikorrent kienet ilha għaddejja minn Lulju tal-2019, wara li l-Aġenzija Identity Malta ġiet ikkuntattjata minn Joseph Antoncich mill-FSWS, li ta deskrizzjoni dettaljata tas-sitwazzjoni li kienet fiha l-familja tar-rikorrent, li tinkludi minorenni. Ġie spjegat li wara li saru verifiki dwar ir-*records* ta' din il-familja, ma nstab l-ebda *record* li jindika dawn fejn jgħixu, u minn verifiki ulterjuri li saru, irriżulta li fl-2017, din il-familja kienet avviċinat il-Community Service tal-Qawra u talbet l-assistenza, minħabba problemi finanzjarji li kellhom għaliex ir-rikorrent u s-sieħba tiegħu ma kellhomx impjieg. Irriżulta wkoll li r-rikorrent kien qiegħed jgħajjex lil familtu minn donazzjonijiet tal-ikel li jirċievu minn *food banks,* u la r-rikorrent u lanqas is-sieħba tiegħu qatt ma fittxew impjieg hawn Malta. Irriżulta wkoll li dawn naqsu milli jikkooperaw mal-ħaddiema soċjali sabiex jippruvaw itejbu s-sitwazzjoni legali u ekonomika li jinsabu fiha, filwaqt li baqgħu jistennew li jingħataw l-għajnuna għall-bżonnijiet tagħhom.

**<u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>**

5. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fil-15 ta' Jannar, 2021, il-Bord ċaħad l-appell tar-rikorrent, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"The Board:-*
>
> *Saw the decision dated 13th July, 2020 which stated that in accordance with Regulations 13 and 14 of S.L. 460.17, the appellant's freedom of movement was being restricted as he had become an unreasonable burden on the social assistance system in Malta;*
>
> *Saw the appeal registered on 20th July, 2020;*
>
> *Saw the Director's reply filed on 10th August, 2020;*

*Examined all the submissions filed.*

***<u>Submissions filed, evidence produced and considerations</u>***

*The Board observed that when the appeal was filed, the receipt issued instructed the parties to submit any further documentation within fifteen days. At the outset, the Board declares that although it is not legally bound to hold sittings, Art. 3(2) of the Administrative Justice Act (Chapter 490 of the Laws of Malta) stipulates that amongst the principle which this Board, amongst other bodies, is bound to uphold, is the principle of equality of arms. The Board refers to the judgment of the Court of Appeal* ***<u>Edwin Zarb et vs Gilbert Spiteri et</u>*** *(decided on 6th February, 2015) in which it was held that the principle* audi alteram partem *does not necessarily mean that the parties must be physically heard but that they must be given sufficient time to present the evidence they wish to present. It is up to the court (or in this case, the Board) to decide what should be done in the interest of justice.*

*The Board saw that in an email dated 17th July, 2020, appellant's legal counsel stated that he had visited the Board's offices in Old Mint Street, Valletta, some time before eleven o'clock in the morning, but found the offices closed. He stated that he was therefore constrained to file the appeal via e-mail. In a short appeal, the appellant made no submissions as to the substance of the case, but instead requested the Board to* "allow the production of further submissions and documentation to substantiate his case."

*The Board cannot but note that the appellant could have easily appended all the evidence he needed in the form of affidavits and other supporting documentation. However, between 17th July, 2020 and the date of this decision, the appellant filed no documentation whatsoever. Neither did he file an actual appeal which deals with the substance of the case. Although the appellant stated that he felt* "aggrieved by such decision would like to contest decision on basis of fact and law", *he did not explain, in the appeal itself, the legal or factual grounds upon which he wanted to contest the relative decision.*

*Had the appellant wished to produce witnesses viva voce <u>in addition</u> to affidavits and submissions filed, that request would have been entirely reasonable. However, the appellant did not even argue that the witnesses he needed <u>could not</u> have filed an affidavit or that he could not have filed supporting documentation.*

*The Board made ample reference to the judgment of the Court of Appeal* ***<u>Albert Beliard vs Direttur tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u tal-Expatriate Affairs</u>*** *handed*

*down on 9th July, 2020, in which that appellant had argued that the Board had not given him a fair hearing by not holding a sitting. The Court of Appeal confirmed that such an argument was whole baseless. Specifically, the Court said:*

"... l-essenzjal tal-*fair hearing* hija li kull parti tingħata l-opportunità li tressaq il-każ tagħha, b'mod li l-Qorti tkun f'qagħda li, kif jgħid il-Malti, tisma' ż-żewġt iqniepen. M'hemmx għalfejn li jkun hemm trattazzjoni orali. Barra minn hekk, hija għal kollox inaċċettabbli l-qagħda tal-appellant li quddiem il-Bord ma pproduċa ebda aggravju in sostenn tal-appell tiegħu u minn fuq jippretendi li l-Bord jagħmillu xogħlu hu."

*The Board shares the Court of Appeal's reasoning.*

*Relative to the Director's reply, the Board notes that first of all, the Director is mistaken insofar as he claims that the relative letter was dated 15th May, 2020. In fact, the letter exhibited in the records of this appeal was dated 13th July, 2020.*

*The Director stated that correspondence pertaining to the appellant and his family goes back to July 2019 when Identity Malta was contacted by Mr Joseph Antoncich (at the Foundation for Social Welfare Services). Mr Antoncich gave a detailed description of the worrying situation in which the appeallant and his family were living. The Director added that it had transpired that the family had approached Qawra Community Service as far back as 2017 as they had serious financial problems and were living in poverty as no one was in employment. The family had been living off food donations from the local parish and neither the appellant nor a certain Ms Witkopf had ever sought employment in Malta. Furthermore, according to the Director, the family had not engaged with social workers in order to rectify its legal and economic situation in Malta. Rather, they expected social workers to continue to provide for their every need without making any efforts to change their ways.*

*The Board emphasises that even after the Director's reply was filed, the appellant, who together with his legal counsel, could have at any time requested access to the file to read the Director's reply, failed to file submissions or evidence in order to contradict Identity Malta's decision and in order to contradict the Director's reply.*

*Given this state of affairs, the Board considers that the Director's decision and the content of the reply to the appellant's appeal were not rebutted in any way.*

***<u>Decision</u>***

*Therefore, after having read the relative submissions as well as after having seen the provisions of Chapter 217 of the Laws of Malta and of S.L. 217.17, the Board rejects the appeal and confirms the relative decision.*

*The Board orders that this decision be served on the parties without delay."*

**L-Appell**

6. Ir-rikorrent ressaq l-appell tiegħu mid-deċiżjoni appellata fil-25 ta' Jannar, 2021, fejn talab lil din il-Qorti:

> "... jogħġobha tħassar id-deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni ta' nhar il-ħmistax (15) ta' Jannar tas-sena 2021 u fl-istess ħin tħassar id-deċiżjoni tad-Direttur appellat ta' nhar it-tlettax (13) ta' Lulju tas-sena 2020, iż-żewġ deċiżjonijiet hawn fuq riferiti, u tidderiġi lill-istess Direttur appellat jew lill-Bord tal-Appell b'dawk il-provvedimenti opportuni illi din il-Qorti jidhrilha xierqa."

7. Ir-rikorrent spjega li huwa ħass ruħhu aggravat bid-deċiżjoni tal-Bord. Qal li fl-ewwel lok, huwa mhuwiex qiegħed jiċħad il-fatt li min-naħa tiegħu huwa ma ressaq l-ebda prova wara li ġie notifikat bl-appell, iżda qal li huwa jbati minn diżordni ta' ansjetà severa li setgħet affettwat l-abbilità tiegħu li jifhem il-proċess tal-appell u l-importanza li jressaq il-provi meħtieġa fil-ħin, u dan minkejja li kellu l-avukat jiggwidah dwar l-importanza li josserva l-ordnijiet tal-Bord. Żied jgħid li fil-preżent huwa qiegħed jirċievi trattament u terapija għal din id-diżordni mentali, u l-medikazzjoni li qiegħed jirċievi setgħet tellfet l-abbilità naturali tiegħu li jifhem u japprezza l-importanza li jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu u jressaq ix-xhieda meħtieġa sabiex ikun jista' jsalva l-appell tiegħu. Kompla jgħid li huwa għamel xi żmien rikoverat fl-Isptar Monte Carmeli, u f'dan ir-rigward ippreżenta ċertifikat mediku bħala prova li huwa seta' kien imċaħħad mill-abbilità tiegħu li jipproduċi dak mistenni minnu quddiem il-Bord. L-appellant qal li n-nuqqas tiegħu li jressaq xhieda u/jew jagħmel sottomissjonijiet kien dovut għall-fatt li huwa kien għaddej minn perijodu xejn feliċi f'ħajtu, fejn kien qiegħed jesperjenza ansjetà akuta, u saħansitra kien hemm il-ħtieġa li huwa

jiġi rikoverat. Qal ukoll li kien dan l-istat ta' ansjetà u l-mediċina li ħa, li tellfuh mill-abbilità li jifhem l-urġenza li jagħmel dak mitlub minnu. Qal li għalhekk tali nuqqasijiet huma strettament indipendenti mill-volontà tiegħu.

8. L-appellant qal wkoll li d-deċiżjoni ta' restrizzjoni tad-Direttur appellat kif ikkonfermata mill-Bord, hija msejsa fuq konsiderazzjonijiet irrelevanti. Qal li r-restrizzjoni tal-moviment liberu tiegħu u tal-familja tiegħu hija msejsa fuq l-allegazzjoni li huma saru ta' piż mhux raġonevoli fuq is-sistema tal-assistenza soċjali Maltija, iżda f'din l-ittra l-appellat jonqos milli jagħti aktar raġunijiet preċiżi u kompleti dwar il-bażi li fuqha sejjes id-deċiżjoni tiegħu. L-appellant qal ukoll li l-Bord ġie ppreżentat b'sempliċi risposta tad-Direttur appellat fejn issemmew għadd ta' punti li fuqhom l-appellat ibbaża d-deċiżjoni tiegħu. L-appellant qal li kull dikjarazzjoni li saret dwar l-allegat faqar jew assistenza li huwa u l-familja tiegħu kellhom bżonn, m'huma xejn għajr allegazzjonijiet li baqgħu ma ġewx fondati, u dan għaliex l-appellat naqas milli jissostanzja tali allegazzjonijiet. L-appellant qal li l-appellat naqas milli jagħti dettalji ċari u preċiżi dwar tali dipendenza, u naqas ukoll milli jressaq provi, kemm dokumentati kif ukoll permezz ta' xhieda, sabiex jissostanzja tali allegazzjonijiet. Qal li l-appellat irrakkomanda li jitressqu xhieda dwar dan, iżda finalment kien jinkombi fuq l-istess Direttur appellat li jressaq xhieda sabiex jissostanzja l-allegazzjonijiet tiegħu. L-appellant qal li għalhekk kien jinkombi fuq il-Bord li mhux biss iqis ir-risposta tad-Direttur appellat, iżda anki li jikkonsidra dan l-appell b'mod oġġettiv u indipendenti. Qal li minflok, il-Bord straħ fuq ir-risposta tad-Direttur appellat, mingħajr ma qies li l-informazzjoni hemm kontenuta

kellha tkun issostanzjata imqar b'dokument wieħed. L-appellant għamel riferiment għall-artikolu 14(2) tal-Liġi Sussidjarja 460.17, li jgħid li:

> "Id-Direttur għandu jinforma lill-persuna msemmija fis-subartikolu (1), bil-miktub, bid-dritt ta' dik il-persuna li tressaq appell lill-Bord u bil-limitu ta' żmien għall-appell u l-Bord għandu jeżamina l-legalità tad-deċiżjoni tat-tneħħija, kif ukoll il-fatti u ċ-ċirkostanzi li fuqhom hija bbażata l-miżura proposta, jiżgura li d-deċiżjoni mhijiex sproporzjonata, partikolarment fid-dawl tar-rekwiżiti stabbiliti fl-artikolu 13." (enfasi tal-appellant)

9. L-appellant qal li f'dan il-każ il-Bord naqas milli jeżamina l-legalità tal-miżura meħuda mid-Direttur appellat, jiġifieri r-restrizzjoni tal-moviment liberu, għaliex il-Bord straħ fuq ir-risposta tal-appellat mingħajr ma indaga iżjed fil-fond sabiex jevalwa l-veraċità tal-fatti. L-appellant qal li f'dan il-każ, id-deċiżjoni tad-Direttur appellat hija msejsa fuq informazzjoni li bl-ebda mod ma ġiet ippruvata jew issostanzjata quddiem il-Bord, u għalhekk huwa ma jistax jifhem kif il-Bord tal-Appell straħ fuq din ir-risposta mingħajr ma talab għal aktar provi dwar dak allegat, jew saħansitra mingħajr ma ħassar id-deċiżjoni tad-Direttur appellat.

10. L-appellant qal li huwa ħassu aggravat ukoll għaliex l-ittra tad-Direttur appellat, li infurmatu bir-restrizzjoni fuq il-moviment tiegħu u tal-familja tiegħu, hija nieqsa minn ċerti formalitajiet rikjesti mil-liġi, u dan billi ma tispjegax b'mod ċar u konkret ir-raġunijiet għar-restrizzjoni imposta fuqu. L-appellant qal li fl-ittra tiegħu d-Direttur appellat għamel riferiment biss għall-fatt li l-appellant u l-familja tiegħu huma piż inordnat fuq is-sistema tal-assistenza soċjali Maltija. L-appellant qal li minkejja li l-ittra tad-Direttur appellat fiha indikazzjoni tar-

raġunijiet li fuqhom ittieħdet id-deċiżjoni tal-appellat, din xorta waħda hija nieqsa minn raġunijiet ċari u preċiżi dwar il-motivazzjoni tal-appellat.

11. L-appellant qal ukoll li huwa ħassu aggravat għaliex il-Bord fid-deċiżjoni tiegħu indika li huwa wasal għad-deċiżjoni tiegħu wara li kkonsidra l-Kap. 217 u l-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17. L-appellant qal li l-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17 titkellem dwar ir-'Regolamenti dwar il-Proċedura ta' Applikazzjoni Waħda għal Permess Uniku fir-Rigward ta' Residenza u Xogħol u Ġabra Komuni ta' Drittijiet Għal dawk il-Ħaddiema ta' Pajjiżi Terzi li jirrisjedu legalment f'Malta', imma huwa mhux ċittadin ta' pajjiż terz, u għalhekk dan ir-regolament ma japplikax għalih. Kompla jgħid li r-residenza tiegħu hija regolata mil-Leġislazzjoni Sussidjarja 460.17, l-'Ordni dwar il-Moviment Liberu ta' Ċittadini tal-Unjoni Ewropea u tal-Membri tal-Familji Tagħhom', għalkemm id-deċiżjoni tal-Bord imkien ma tagħmel riferiment għal din il-Leġislazzjoni Sussidjarja, u għalhekk ma jistax jiġi eskluż li d-deċiżjoni tal-Bord hija msejsa fuq regolament inapplikabbli.

## Ir-Risposta tal-Appell

12. L-appellat fir-risposta tiegħu wieġeb li la l-Bord u lanqas hu ma kienu edotti mill-fatt li l-appellant kien qiegħed ibati minn xi forma ta' diżordni mentali fil-mument tal-appell tiegħu quddiem il-Bord u fil-mument li huwa ngħata terminu sabiex idaħħal id-dokumentazzjoni u jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu. Qal li għalhekk huwa ma jistax jiġi kkritikat bħallikieku huwa seta' b'xi mod jiffaċilita l-appell tal-appellant quddiem il-Bord. L-appellat qal li huwa

mhux jikkontesta l-veraċità ta' din id-diżordni, li wara kollox ġiet ikkonfermata mill-psikjatra kuranti tal-appellant. Fiċ-ċertifikat mediku anness mar-rikors tal-appell din spjegat illi l-kundizzjoni li qiegħed ibati minnha l-appellant "*may have been affecting his ability to provide document to the court in time.*" L-appellat qal li l-kelma li ntużat '*may*', mhijiex konklussiva, u tindika li jista' jkun li dan kien minnu, u jista' jkun li le. L-appellat kompla jgħid li f'dan il-każ l-appellant ikkonferma li kien qiegħed jiġi assistit minn avukat tal-fiduċja tiegħu, u għalhekk kellu min jiggwidah fil-proċedura quddiem il-Bord, minkejja l-problemi ta' saħħa li seta' kien għaddej minnhom dak iż-żmien. Żied jgħid li persuna li m'għandhiex sfond legali, ser issibha ferm diffiċli li tifhem il-proċedura quddiem il-Bord mingħajr l-assistenza ta' avukat, imma f'dan il-każ l-appellant kien assistit u għalhekk m'għandux jirriżulta li kien hemm xi xkiel biex l-avukat jaqdi dmiru.

13. L-appellat qal li t-tieni aggravju tal-appellant huwa żbaljat kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt. Qal li appelli fuq punti ta' fatt mhumiex permessi skont l-artikolu 25A tal-Kap. 217, stante li r-rimedju quddiem il-Qorti tal-Appell huwa biss appell minn punti ta' liġi. Kompla jgħid li t-tieni aggravju għalhekk jammonta għal talba biex issir evalwazzjoni mill-ġdid tal-fatti u tal-provi li nġabu quddiem il-Bord, u għalhekk dan l-appell għandu jitqies li huwa irritwali u null.

14. L-appellat qal ukoll li min-naħa tiegħu huwa ma kellux obbligu jġib prova li d-deċiżjoni tiegħu kienet waħda tajba, għaliex l-appell sar mill-appellant u mhux minnu. Qal li kien jinkombi fuq l-appellant li jġib provi suffiċjenti li d-deċiżjoni tad-Direttur appellat kienet waħda żbaljata. Qal li mhux sewwa li d-Direttur appellat jiġi kkritikat meta l-appell intavolat mill-appellant kien wieħed

xott. Kompla jgħid li ladarba l-appellant ma ppreżenta ebda prova sabiex ixejjen id-deċiżjoni tad-Direttur appellat, għalkemm ingħata terminu ta' ħmistax-il jum sabiex jagħmel dan, il-Bord ma kienx mistenni li jiddubita l-asserzjonijiet magħmula mid-Direttur appellat. Qal ukoll li kienet tkun sitwazzjoni ferm differenti li kieku l-appellant ressaq provi sabiex jikkontradixxi d-deċiżjoni tad-Direttur appellat u r-risposta tiegħu quddiem il-Bord. L-appellat qal li l-appellant naqas milli jġib prova konklussiva jew argument konvinċenti li hu u l-familja tiegħu mhumiex jgħixu fil-faqar jew li mhumiex ta' piż fuq is-soċjetà. Qal li lanqas ma nġab l-argument jew prova li xxejjen l-informazzjoni ppreżentata mill-Foundation for Social Welfare Services, li l-familja tal-appellant qiegħda tgħix fuq għotjiet volontarji li jingħataw mill-parroċċa tagħhom. L-appellat qal li l-informazzjoni li huwa kellu hija ta' min joqgħod fuqha, u f'dan ir-rigward huwa ppreżenta kopja ta' korrispondenza li għaddiet bejn Identity Malta u l-FSWS.

15. L-appellat qal ukoll li d-deċiżjoni tiegħu hija abbażi tal-artikolu 3(3) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 460.17 li tirregola l-Moviment Liberu ta' Ċittadini tal-Unjoni Ewropea u tal-Membri tal-Familja tagħhom, u għalhekk ma kien hemm l-ebda raġuni għalfejn il-Bord kellu jqis li d-deċiżjoni meħuda mhijiex fondata fil-liġi.

16. B'riferiment għat-tielet aggravju tal-appellant, l-appellat qal li d-deċiżjoni fil-konfront tal-appellant ittieħdet għaliex dan kien ta' piż inordnat fuq is-soċjetà Maltija u s-sistema tal-assistenza soċjali fil-pajjiż, u għalhekk ma kienx hemm il-ħtieġa li tingħata l-ebda raġuni oħra ċara aktar minn din.

17. B’riferiment għar-raba’ aggravju tal-appellant, l-appellat qal li dak li jikteb il-Bord dwar il-ġurisprudenza u l-liġijiet mhijiex lista eżawrjenti ta’ liġijiet li jkunu f’moħħ taċ-Chairman u tal-membri tal-Bord, u lanqas m’huwa mistenni li l-Bord jagħmel riferiment għal elenku ta’ liġijiet li huwa jużа sabiex jasal għad-deċiżjoni tiegħu. L-appellat qal li l-Kap.217 huwa l-att li jirregola dawn l-appelli, u huwa għalhekk li sar riferiment għalih mill-Bord fil-parti konklussiva tad-deċiżjoni tiegħu.

18. Il-Qorti semgħet ix-xhieda ta’ **Dr Edith Agius**, il-psikjatra kuranti tal-appellant, li qalet li ilha ssegwi lill-appellant għal diversi snin. Ix-xhud qalet li l-appellant għamel xi żmien rikoverat fl-Isptar Monte Carmeli, għaliex isofri minn ansjetà akuta. Ix-xhud spjegat li din il-kundizzjoni taffettwa lill-appellant billi ma tħallihx jiffoka fuq l-affarijiet tiegħu u ttellfu fil-ħajja ta’ kuljum. Qalet ukoll li meta l-appellant ġie rikoverat f’Lulju tal-2020, dan kien qiegħed ikollu ħsibijiet suwiċidali u kien affettwat minn ansjetà severa, li fil-preżent qiegħed jieħu trattament għaliha. Ix-xhud qalet li wara li kien rikoverat għal għadd ta’ ġranet, l-appellant ħareġ mill-Isptar, iżda dan ma jfissirx li kien fieq mill-kundizzjoni tiegħu, tant hu hekk li għadu qiegħed jiġi segwit minn professjonisti sabiex jingħata l-għajnuna li jeħtieġ. Għad-domandi li sarulha in kontro-eżami, ix-xhud spjegat li l-ansjetà li jsofri minnha l-appellant taffettwa d-deċiżjonijiet li jieħu fil-ħajja tiegħu ta’ kuljum, u min isofri minn ansjetà severa ma jkunx jista’ jagħmel l-affarijiet li jkun mistenni li jagħmel, bħal per eżempju l-preżentata fil-ħin ta’ dokumentazzjoni mitluba mill-Qorti.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

19. Il-Qorti sejra tgħaddi biex tikkonsidra l-aggravji sollevati mill-appellant, wara li qieset il-fatti kollha li wasslu għall-proċeduri odjerni, partikolarment il-fatt li l-appellant ilu jgħix hawn Malta mill-2008, u li permezz ta' ittra tat-13 ta' Lulju, 2020, dan ġie mgħarraf li l-moviment liberu tiegħu u tad-dipendenti tiegħu kien qiegħed jiġi ristrett, għaliex huwa qiegħed ikun ta' piż mhux raġonevoli fuq is-sistema tal-assistenza soċjali ta' pajjiżna. L-appellant spjega li fi snin riċenti huwa kellu jfittex l-għajnuna minħabba kundizzjoni psikjatrika li beda jsofri minnha, liema kundizzjoni tista' taffettwa l-ġudizzju li jagħmel fil-ħajja tiegħu ta' kuljum, inkluż l-abbilità li jieħu deċiżjonijiet u li jifhem x'ikun mistenni minnu. Il-Qorti, filwaqt li tissimpatizza ma' dak kollu li qal l-appellant in sostenn tal-aggravji mressqa minnu, sejra tieħu d-deċiżjoni tagħha abbażi ta' dak li rriżulta mill-provi li jinsabu in atti. Din il-Qorti tirrileva, li anki f'ċirkostanzi fejn mhux mistenni minnha li tikkonsidra l-provi prodotti fil-prim istanza, sabiex tasal għal deċiżjoni ġusta ħafna drabi jkollha tagħmel riferiment għall-provi u għaċ-ċirkostanzi kollha li jirriżultaw mill-proċess, u dan huwa dak li għamlet f'dan il-każ.

*L-ewwel aggravju:* *[l-appellant naqas milli jressaq provi minħabba fatturi indipendenti mill-volontà tiegħu]*

20. L-appellant spjega li huwa jbati minn kundizzjoni ta' ansjetà severa li xi drabi taffettwa l-ġudizzju tiegħu u l-abbilità tiegħu li jifhem x'ikun mistenni minnu. Qal li fil-fatt huwa għamel xi żmien rikoverat fl-Isptar Monte Carmeli, u fil-preżent għadu qiegħed jirċievi trattament minħabba f'din il-kundizzjoni li

jsofri minnha. Dan ġie kkonfermat anki mit-tabiba kuranti tal-appellant, u l-Qorti m'għandha l-ebda raġuni għalfejn tiddubita mill-veraċità ta' dan. Iżda l-Qorti tirrileva, kif wara kollox ikkonferma l-appellant innifsu, li tul dawn il-proċeduri l-appellant kien assistit minn avukat tal-fiduċja u tal-għażla tiegħu, u għalhekk huwa kellu min jiggwidah tul dan il-proċess. L-appellant ingħata terminu ta' ħmistax-il ġurnata mill-Bord sabiex wara li ressaq l-appell tiegħu mid-deċiżjoni tad-Direttur appellat, ikun jista' jippreżenta dokumentazzjoni u informazzjoni oħra in sostenn tal-argumenti mressqa minnu. L-appellant jgħid li dak iż-żmien huwa ma kienx f'qagħda li jagħmel dan, u kien għalhekk li meta l-Bord ġie biex jagħti d-deċiżjoni tiegħu, dan sab ruħhu sprovvist minn provi li suppost tressqu mill-appellant. Jirriżulta wkoll li għad li l-appellant daħħal l-appell tiegħu quddiem il-Bord fl-20 ta' Lulju, 2020, id-deċiżjoni tal-Bord ingħatat fil-15 ta' Jannar, 2021, u f'dan il-perijodu ta' żmien, la l-appellant u lanqas l-avukat difensur tiegħu ma jirriżulta li ppruvaw jikkomunikaw mal-Bord sabiex jispjegaw id-diffikultajiet li kellu l-appellant sabiex jottempera ruħhu mal-ordni li ngħatatlu. Barra minn hekk, minkejja li l-appellant irreġistra l-appell tiegħu mid-deċiżjoni tal-Bord fil-ħin, anki f'dak l-istadju huwa naqas milli jġib xi forma ta' prova jew dokument sabiex juri li d-deċiżjoni tad-Direttur appellat fil-konfront tiegħu m'għandhiex mis-sewwa, jew li din kienet ibbażata fuq raġunijiet mhux xierqa jew addirittura mhux veritiera. Wara li eżaminat l-atti proċesswali kollha, il-Qorti tgħid illi hija kienet tkun disposta li taċċetta dak li qiegħed jissottometti l-appellant, li huwa ma kienx f'qagħda mentali li jottempera ruħhu mal-ordnijiet li ngħatawlu, li kieku flimkien mar-rikors tal-appell tiegħu, huwa ġab provi sufficjenti sabiex juri li meta ġie Malta, kien hemm xi żmien meta huwa ma kienx ta' piż fuq is-sistema soċjali Maltija, kien jaħdem, iħallas it-taxxa, iħallas il-kera,

u li kien biss minħabba l-kundizzjoni medika li beda jsofri minnha, li huwa spiċċa f'sitwazzjoni fejn l-awtoritajiet qegħdin iqisuh bħala piż fuq is-sistema soċjali ta' pajjiżna. Imma l-appellant ma ġab ebda prova f'dan is-sens, u dan minkejja li kif jirrikonoxxi l-appellant stess, huwa qiegħed ikun iggwidat u assistit minn avukat tal-fiduċja tiegħu.

21. Il-Qorti tqis li l-appellant diġà kellu żmien biżżejjed sabiex f'każ li ried jipprova li d-deċiżjoni tal-appellat kienet waħda żbaljata, jew imsejsa fuq konsiderazzjonijiet żbaljati, huwa jressaq il-provi tiegħu f'dan ir-rigward, bħal ma ressaq provi u saħansitra xhud f'dan l-istadju tal-appell sabiex jikkonvinċi lill-Qorti dwar l-istat ta' saħħtu. Il-Qorti filwaqt li tifhem id-diffikultajiet li qiegħed iġarrab l-appellant, fl-istess waqt ma tistax taċċetta li min jirrikorri quddiemha jkun selettiv fid-dokumentazzjoni u fil-provi li jippreżenta anki f'dan l-istadju, partikolarment meta l-appell quddiem din il-Qorti jaf ikun l-aħħar opportunità li għandu l-appellant biex jingħata raġun, jew li l-parti l-oħra kienet żbaljata fid-deċiżjoni li ħadet. L-appellant resaq quddiem din il-Qorti b'diversi dokumenti u provi li juru li l-istat mentali tiegħu kien wieħed li seta' fixklu milli jieħu d-deċiżjonijiet li messu ħa f'waqthom, iżda fl-istess waqt naqas milli jressaq provi oħra li jistgħu jikkonvinċu lill-Qorti li d-deċiżjoni li ttieħdet fil-konfront tiegħu kienet waħda żbaljata. Huwa in vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, li l-Qorti tqis li l-ewwel aggravju tal-appellant mhuwiex mistħoqq u qed tiċħdu, għaliex minkejja li l-appellant kien qiegħed isofri minn kundizzjoni li setgħet taffettwalu l-ġudizzju tiegħu, huwa għażel li jkun selettiv fit-tip ta' provi u dokumentazzjoni li ressaq għall-attenzjoni ta' din il-Qorti, u dan minkejja li kif ammetta huwa

stess, huwa kien assistit minn persuna legali ta' fiduċja tiegħu tul dan il-proċess kollu.

*It-tieni aggravju:* *[id-deċiżjoni tad-Direttur appellat hija bbażata fuq konsiderazzjonijiet irrilevanti]*

22. L-appellant qal li ħass ruħhu aggravat għaliex id-Direttur appellat naqas milli jagħti raġunijiet preċiżi u kompleti dwar ir-raġunijiet li wassluh biex jiddeċiedi li l-appellant u d-dipendenti tiegħu saru ta' piż għas-sistema tal-assistenza soċjali ta' Malta. Qal li quddiem il-Bord tal-Appell, id-Direttur appellat ressaq risposta li tikkonsisti f'għadd ta' punti li fuqhom jirriżulta li ttieħdet id-deċiżjoni tiegħu, fejn ġie allegat li kien hemm impjegati tal-FSWS li ġibdu l-attenzjoni tal-awtoritajiet għall-fatt li l-appellant u l-familja tiegħu qegħdin jgħixu fi stat ta' faqar, u sabiex jgħixu qegħdin jiddependu fuq donazzjonijiet tal-parroċċa fejn jgħixu. L-appellant qal li dak kollu li ngħad hawnhekk jammonta għal allegazzjoni li ma ġietx ippruvata, għaliex l-appellat naqas milli jressaq xhieda u provi aktar konkreti sabiex jissostanzja din l-asserzjoni li fuqha ħa d-deċiżjoni li l-moviment liberu tal-appellant għandu jiġi ristrett. L-appellant sostna li l-Bord wasal għad-deċiżjoni tiegħu mingħajr ma adotta l-proċeduri meħtieġa sabiex jistabbilixxi l-fatti, u qal li ma jistax jifhem kif il-Bord wasal għad-deċiżjoni tiegħu mingħajr ma talab aktar provi in sostenn ta' dak deċiż mill-appellat.

23. Il-Qorti tirrileva li kien l-appellant li ressaq l-appell tiegħu quddiem il-Bord mid-deċiżjoni tad-Direttur appellat, u għalhekk kien jinkombi fuqu l-oneru li jressaq provi għall-konvinċiment tal-Bord li d-deċiżjoni li ttieħdet fil-konfront

tiegħu kienet waħda żbaljata. Il-Qorti laqgħet it-talba tal-appellant sabiex jiġi awtorizzat iressaq ix-xhieda u l-provi tiegħu f'dan l-istadju ta' appell, wara li l-appellant sostna li huwa ma kienx fi stat ta' saħħa li kien jippermettilu josserva l-obbligi imposti fuqu. Però l-Qorti ma tistax ma tirrilevax li anki f'dan l-istadju, l-appellant għal darb'oħra reġa' naqas milli jressaq xi ħjiel ta' prova li turi li l-konsiderazzjonijiet li wasslu lid-Direttur appellat biex jieħu d-deċiżjoni tiegħu kienu żbaljati, jew li l-allegazzjonijiet li saru fil-konfront tal-appellant mhumiex minnhom. L-appellant ilu jgħix hawn Malta għal aktar minn tlettax-il sena, u minkejja dan huwa għażel li ma jressaq l-ebda prova jew dokumentazzjoni li turi kif matul dan iż-żmien huwa kien qiegħed jgħajjex lilu nnifsu u lid-dipendenti tiegħu. L-appellant seta' ressaq xhieda ta' persuni li kien jaħdem magħhom, persuni li ħallas il-kera lilhom, sidien ta' ħwienet li regolarment jixtri l-bżonnijiet tiegħu minn għandhom, in sostenn tal-pożizzjoni li huwa qiegħed jieħu f'dawn il-proċeduri, iżda minn dan kollu ma għamel xejn. L-appellant ressaq biss lill-psikjatra kuranti tiegħu sabiex din tixhed dwar l-istat mentali tiegħu fl-aħħar ftit snin. Minn jallega għandu jipprova, u f'dan il-każ huwa l-appellant li qiegħed jgħid li l-appellat ma kellux jiddeċiedi bil-mod kif iddeċieda fil-konfront tiegħu, u għalhekk kien l-appellant li kellu jġib provi suffiċjenti sabiex juri li huwa għandu mezzi jew dħul biżżejjed sabiex ma jkunx ta' piż fuq is-sistema soċjali Maltija.

24. B'riferiment għall-argument tal-appellant li l-Bord ma messux qagħad fuq sempliċi allegazzjonijiet li saru min-naħa tad-Direttur appellat, il-Qorti tirrileva li l-Bord ma kellux għalfejn jiddubita mill-veraċità ta' dak li ntqal minn Joseph Antoncich, uffiċjal tal-FSWS, partikolarment meta dan l-uffiċjal seta' faċilment

jintalab jikkonferma bil-ġurament l-informazzjoni li ta. Il-Bord ma kellux lanqas għalfejn jiddubita minn dak li ntqal mid-Direttur appellat fir-risposta tiegħu, li kif spiss jiġri meta f'kawża jkunu involuti entitajiet u dipartimenti differenti tal-Gvern, tintalab l-informazzjoni mid-dipartiment ikkonċernat sabiex ikun jista' jdaħħal ir-risposta tiegħu. Għal dawn ir-raġunijiet tqis illi dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

*It-tielet aggravju:* *[Id-deċiżjoni tad-Direttur appellat hija formalment monka]*

25. L-appellant jikkontendi li l-ittra li permezz tagħha ġie mgħarraf bir-restrizzjoni tal-moviment liberu tiegħu u tal-familja tiegħu, hija nieqsa mill-formalitajiet rikjesti mil-liġi, billi ma tispjegax b'mod ċar u konkret ir-raġunijiet għal dik ir-restrizzjoni. L-appellant sostna li l-ittra li rċieva kienet tikkonsisti f'linja waħda li tgħid li hu u familtu huma ta' piż fuq is-sistema soċjali Maltija, u din l-informazzjoni ma tammontax għal raġunijiet preċiżi u ċari kif titlob il-liġi, imma hija biss indikazzjoni dwar fuqiex hija msejsa d-deċiżjoni tad-Direttur appellat.

26. Il-Qorti tqis li r-raġuni ewlenija għalfejn ittieħdet id-deċiżjoni sabiex il-moviment liberu tal-appellant u ta' familtu jiġu ristretti, ġiet spjegata f'termini li jinftiehmu u li m'għandhom iħallu l-ebda dubju f'moħħ l-appellant. Il-Qorti ttenni li l-unika ħaġa li kellu jagħmel l-appellant sabiex jipprova li huwa mhux ta' piż fuq is-sistema soċjali Maltija, kienet li jippreżenta provi suffiċjenti li juru li huwa għandu mezzi biżżejjed sabiex isostni lilu nnifsu u lid-dipendenti tiegħu,

imqar fil-forma ta' *statements* bankarji, kopja ta' kuntratt tax-xogħol, dokumenti li juru d-dħul jew il-mezzi tiegħu, u provi oġġettivi oħra. Barra minn hekk ir-raġuni mogħtija mill-appellat toriġina minn kliem il-liġi stess, u għalhekk ċertament li m'hemmx lok għal aktar spjegazzjonijiet u kjarifiki dwar x'ried ifisser l-appellat fl-ittra tiegħu. Il-fatt li r-raġuni għad-deċiżjoni tal-appellat ingħatat f'sentenza waħda, m'għandux jiġi interpretat bħallikieku din id-deċiżjoni jew ir-raġunijiet mogħtija mill-appellat mhumiex kompluti u preċiżi. L-appellant seta' jifhem sew x'kienu qegħdin jgħidu l-awtoritajiet meta infurmawh li kienu ser jimponu restrizzjoni fuq il-moviment liberu tiegħu għaliex huwa ta' piż fuq is-sistema soċjali Maltija, u għalhekk kien jinkombi fuqu li jġib provi sabiex juri li dan ma kienx il-każ. Għalhekk dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu wkoll.

*Ir-raba' aggravju:* *[id-deċiżjoni tal-Bord hija msejsa fuq liġi inapplikabbli għal dan il-każ]*

27. L-appellant jikkontendi li l-Bord ibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq liġi li ma tapplikax għall-każ odjern, meta fil-parti konklussiva tad-deċiżjoni tiegħu ndika li kien wasal għad-deċiżjoni tiegħu wara li ġew ikkonsidrati l-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17, li l-appellant qal li huma regolamenti li japplikaw għal ħaddiema minn pajjiżi terzi u mhux għal ċittadini ta' Stati Membri tal-Unjoni Ewropea, bħal ma huwa l-appellant. L-appellant qal li r-residenza tiegħu f'Malta hija regolata bil-Leġislazzjoni Sussidjarja 460.17, li tirregola l-Moviment Liberu taċ-Ċittadini tal-Unjoni Ewropea u tal-Membri tal-

familja tagħhom, u għalhekk jista' jkun li l-Bord ibbaża ruħhu fuq regolamenti inapplikabbli, u naqas milli jagħmel riferiment għal-liġi applikabbli.

28. Il-Qorti tqis li l-Bord għamel riferiment għall-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta u għal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17 għaliex l-appell intavolat quddiemu mill-appellant huwa regolat mid-disposizzjonijiet ta' dawk il-liġijiet partikolari. Huwa minnu li l-mertu tal-vertenza huwa regolat mil-Leġislazzjoni Sussidjarja 460.17, iżda l-parti tad-deċiżjoni tal-Bord li jagħmel riferiment għaliha l-appellant fir-risposta tiegħu, ma tirreferix għall-mertu tad-deċiżjoni, imma għall-aspett proċedurali li wassal lill-Bord biex jagħti d-deċiżjoni tiegħu. Għaldaqstant l-asserzjoni li l-Bord seta' injora r-regolamenti jew il-liġijiet applikabbli għall-każ, hija waħda gratuwita u mingħajr ebda bażi. Għaldaqstant il-Qorti tqis illi dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellant billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż ta' dan l-appell huma a karigu tal-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**